

Il-Ġurnal Uffiċjali C 170 A

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

22 ta' Lulju 2009

Avviż Nru

Werrej

Pàġna

V Avviżi

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni

2009/C 170 A/01

DĠ Ċentru Konġunt tar-Riċerka — Pubblikazzjoni ta' post vakanti għal kariga ta' Direttur (Grad AD 14) — Direttur tad-Direttorat tas-Sit Ispra (JRC.C) (L-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal) — COM/2009/10205

1

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

IL-KUMMISSJONI

DĠ Ċentru Konġunt tar-Riċerka

Pubblikazzjoni ta' post vakanti għal kariga ta' Direttur (Grad AD 14)

Direttur tad-Direttorat tas-Sit Ispra (JRC.C)

(L-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)

COM/2009/10205

(2009/C 170 A/01)

Fil-kuntest tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea bħalissa qiegħda timpjega numru ta' uffiċjali għolja mill-Istati Membri l-ġodda li għalihom il-Kummissjoni għadha ma laħqitx il-miri ta' reklutaġġ li fasslet fl-livell ta' Direttur jew livell ekwivalenti (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u r-Repubblika Slovakkja).

Min aħna

Iċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta (ĊRK) jipprovdi konsulenza teknika-xjentifika u appoġġ għal dawk li jfasslu l-politika, prinċipalment fil-Kummissjoni Ewropea. Dan l-appoġġ jestendi matul iċ-ċiklu ta' politika kollu, mill-konċepiment tal-politiki sas-sorveljanza ta' l-implimentazzjoni tagħhom L-attivitajiet jinkludu riċerka sperimentali, studji tekno-ekonomiċi u funzjonijiet ta' mmuddellar, allarm u antiċipazzjoni u appoġġ operattiv.

Iċ-ĊRK jinkludi seba' istituzzjonijiet ta' riċerka mifruxa f'ħames lokalitajiet fl-Ewropa; il-kwartieri ġenerali jin-sabu fi Brussell. Għandu persunal ta' 2 750 persuna u baġit operattiv ta' €340M fis-sena; il-kompetenzi bażiċi tiegħu huma l-ikel, il-prodotti kimiċi u s-saħħa; l-ambjent u s-sostenibbiltà; is-sikurezza u s-sigurtà nukleari; u attivitajiet orizzontali bħalma huma materjali u miżuri ta' referenza, previżjoni tat-teknoloġija, sigurtà pubblika u attivitajiet kontra l-frodi.

Is-sit ĊRK fl-Ispra (ħdejn Milan, l-Italja) huwa t-tielet l-akbar sit tal-Kummissjoni Ewropea, li jospita 1800 impjegati tal-Kummissjoni u 3 mill-istituti xjentifiċi taċ-ĊRK. Id-Direttorat tas-Sit Ispra jipprovdi, għal dawn l-istituti, firxa ta' servizzi tekniċi u ta' appoġġ essenzjali u huwa responsabbli għal ġestjoni ġenerali għall-iżvilupp tal-campus Ispra (iż-żona tal-wiċċ: 160 ħa). Dan jinkludi l-ġestjoni tal-attivitajiet ta' żarmar nukleari tas-sit. Il-missjoni hija li tittieħed azzjoni biex is-sit ta' Ispra ikun mingħajr periklu, sikur u joffri ambjent attraenti billi jipprovdi servizzi tal-konsumatur effiċjenti li jaffiċilitaw l-attivitajiet xjentifiċi attwali u tal-ġej-jieni tal-Istituti ta' Ispra; filwaqt li jkun qiegħed jiġi żgurat li iċ-ĊRK Ispra jkun qiegħed jaġixxi bħala ġar tajjeb tal-Komunità kollha. Bħala parti minn pjan għall-iżvilupp tas-sit ġenerali, iċ-ĊRK iddeċieda dwar investimenti importanti fil-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda u għall-immodernizzar ta' bini qadim fuq is-sit.

L-attivitajiet prinċipali tad-Direttorat jinkludu:

- Iż-żarmar nukleari u l-ġestjoni tal-iskart;
- Il-manteniment tal-infrastruttura u l-ġestjoni tal-assi;
- Il-loġistika dwar is-sit;
- L-iżvilupp tas-sit, li jinkludi l-attivitajiet ta' kostruzzjoni;
- Is-sikurezza waqt ix-xogħol u s-sigurtà tas-sit.

B'madwar 400 persunal, id-Direttorat tas-Sit Ispra għandu għad-dispożizzjoni tiegħu baġit ta' madwar €90M fis-sena li joħorġu mill-baġit għar-riċerka tal-Kummissjoni Ewropea u minn fondi addizzjonali tal-Komunità allokati espliċitament għal raġunijiet ta' żarmar nukleari.

X'qegħdin nipponu

Qegħdin noffru l-pożizzjoni ta' Direttur tad-Direttorat tas-Sit Ispra. Din il-pożizzjoni mimlija sfidi tikkombina l-ġestjoni ta' servizzi ta' inġenerija u teknika speċjalizzati mal-ġestjoni ta' riżorsi umani estensivi u baġit imdaqas. Id-Direttur huwa mistenni wkoll li jipprovi orjentazzjoni strateġika għal attivitajiet magħżulin fiċ-ĊRK kollha filwaqt li jieħu ħsieb il-koordinazzjoni tagħhom ukoll. Jeżisti ambjent ta' xogħol tajjeb ferm b'tim ta' inġinjieri u amminstraturi tassew immotivati.

Id-Direttur huwa responsabbli għall-immaniġġjar ġenerali tad-Direttorat, għandu responsabbilitajiet finanzjarji u ta' reklutaġġ iddelegati lilu fir-rigward tal-baġit sħiħ tad-Direttorat u tal-persunal tiegħu, u għas-sikurezza u s-sigurtà tas-sit. Hu/hi jkun/tkun j/tagħmel parti mit-tim għoli ta' tmexxija u jikkontribwixxi/tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ġenerali tal-missjoni taċ-ĊRK.

X'qegħdin infittxu

Il-kandidati għandhom:

- ikunu motivati biex jiżviluppaw aktar l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi tas-sit u l-orjentazzjoni tagħhom lejn il-konsumatur;
- ikollhom provi ta' esperjenza maniġerjali, fejn idealment ikunu mmaniġġjaw faċilità; esperjenza fl-inġenerija tkun ta' vantaġġ;
- ikollhom il-ħiliet ta' tmexxija neċessarji sabiex ikunu jistgħu jimmaniġġjaw numru sostanzjali ta' persunal u baġit;
- ikollhom ħiliet tajba fin-negozjar u komunikazzjoni;
- ikollhom fehim bażiku tal-bżonnijiet speċifiċi ta' organizzazzjoni tar-riċerka;
- ikollhom għarfien tajjeb ħafna tal-Ingliż; għarfien tajjeb tat-Taljan ikun ta' vantaġġ.

L-applikanti għandhom

1. Ikunu ċittadini ta' wieħed mit-tmien Stati Membri ġodda tal-Unjoni Ewropea: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u r-Repubblika Slovakkja.
2. Ikollhom:
 - i) jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji li tlestew, iċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar;
 - ii) jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji li tlestew, iċċertifikati minn diploma, u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin.

3. Ikollhom mill-inqas 12-il sena esperjenza professjonali ta' wara l-lawrja fl-livell li l-kwalifiki msemmija hawn fuq jagħtu aċċess għalih. Mill-inqas 6 snin minn din l-esperjenza professjonali għandhom ikunu ffunzjoni maniġerjali ta' livell għoli ⁽¹⁾ u għandhom jkollhom ukoll xi esperjenza diretta fsettur relatat ma' dan l-inkarigu.
4. Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien adegwat ta' lingwa uffiċjali oħra. (Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-proċeduri tal-għażla ser isiru bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż biss. Peress illi dan jista' jkun ta' vantaġġ għal dawk li huma kelliema nattivi, dawn se jiġu evalwati wkoll f'waħda jew iżjed mil-lingwi l-oħra).
5. Ikunu ta' età li taqa' taħt dik tal-irtirar, li għal uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej hi definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tilħaq l-età ta' 65 sena (Ara Art.52 lit (a) tar-Regolamenti tal-Persunal).

L-indipendenza u d-dikjarazzjoni tal-interessi

Il-kandidati huma mitluba jikkonfermaw il-volontà tagħhom li jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-impenn tagħhom li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u dikjarazzjoni ta' kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-Direttur se jintagħżel u jinħatar mill-Kummissjoni skont il-proċeduri tal-għażla u r-reklutaġġ tagħha. Ser titħejja lista ta' kandidati u l-kandidati inklużi jissejħu għal intervista mill-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni għall-Ħatriet u minn ċentru ta' valutazzjoni mmexxi minn konsulenti esterni tar-reklutaġġ.

Ir-rimunerazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma dawk stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal għal uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej fil-grad AD 14.

L-applikanti għandhom iqisu r-rekwiżit għall-persunal ġdid kollu, taħt ir-Regolamenti tal-Persunal, li jgħaddu b'suċċess żmien ta' prova ta' disa' xhur.

Ir-reklutaġġ ser isir f'Ispra (IT).

Opportunitajiet indaqs

L-Unjoni Ewropea tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs.

Proċedura tal-applikazzjoni

Qabel tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għandek tiċċekkja bir-reqqa jekk tissodisfax il-kriterji ta' eliġibilità kollha, b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' kwalifiki u esperjenza professjonali meh-tieġa.

Jekk tixtieq tapplika, għandek **tirreġistra minn fuq l-internet** billi żżur il-websajt https://ec.europa.eu/dgs/personnel_administration/seniormanagementvacancies/CV_Encadext/index.cfm u ssegwi l-istruzzjonijiet dwar id-diversi stadji tal-proċedura.

Hija responsabbiltà tiegħek li r-reġistrazzjoni online tiegħek issir fil-ħin ⁽²⁾ Nirrakkomandaw bil-qawwi li ma tistenniex sal-aħħar f'it jem biex tapplika, għaliex konġestjoni fuq l-Internet jew xi difett fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tiġi tterminata qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba d-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet tkun għaddiet, ma tkunx tista' tirreġistra iżjed.

⁽¹⁾ Fis-CV tagħhom l-applikanti għandhom jindikaw, għall-inqas fil-każ ta' dawn is-sitt snin, x'tip esperjenza f'inkarigu ta' ġestjoni ta' livell għoli, akkwistaw: (1) it-titlu u r-rwol tal-pożizzjonijiet maniġerjali li kienu fiha, (2) in-numru ta' membri tal-persunal li kienu jamministraw f'dawn il-pożizzjonijiet, u (4) in-numru ta' livelli ġerarkiċi 'il fuq u 'l isfel u n-numru ta' persunal tal-istess livell.

⁽²⁾ Mhux aktar tard minn nofsinhar (12:00), ħin ta' Brussell, tal-15 ta' Settembru 2009.

Meta tlesti r-reġistrazzjoni online tiegħek, inti tirċievi fuq l-iskrin tiegħek numru ta' reġistrazzjoni li għandek tieħu nota tiegħu — dan ikun in-numru ta' referenza tiegħek f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-applikazzjoni. Meta tirċievi dan in-numru, il-proċess ta' reġistrazzjoni jkun spiċċa — huwa konferma li aħna nkunu rreġistrajna l-informazzjoni li tkun daħħalt.

Jekk ma tirċievi l-ebda numru, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!

Jekk jogħġbok innota li jrid ikollok indirizz tal-posta elettronika. Dan ser jintuża biex tiġi identifikata r-reġistrazzjoni tiegħek.

Mal-applikazzjoni tiegħek ser tintalab tehmeż curriculum vitae f'format word jew PDF, u ddaħħal ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Kemm is-CV kif ukoll l-ittra jridu jkunu bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

*Jekk jogħġbok innota li **mhuwiex** possibbli li tissorvelja l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Inti tiġi kkuntattjat dwar l-istat tal-applikazzjoni tiegħek direttament mid-DĠ li qiegħed jirrekluta.*

Jekk għandek diżabbiltà li minħabba fiha ma tistax tirreġistra online, tista' tibgħat l-applikazzjoni (is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni) fuq il-karta permezz ta' posta reġistrata ⁽¹⁾, b'timbru postali b'data li ma tkunx aktar tard mid-data meta tagħlaq ir-reġistrazzjoni. Kull komunikazzjoni sussegwenti bejnek u bejn il-Kummissjoni tkun bil-posta (konvenzjonali). F'dan il-każ, mal-applikazzjoni tiegħek għandek tehmeż ċertifikat li juri diżabbiltà tiegħek, maħruġ minn entità rikonoxxuta. Għandek issemmi wkoll, fuq karta separata, kwalunkwe arranġament speċjali li taħseb li jkun meħtieġ biex jiffaċilita l-parteċipazzjoni tiegħek fl-għażla.

Jekk teħtieġ aktar tagħrif u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, jekk jogħġbok ibgħat posta elettronika lil: ADMIN-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hi l-15 ta' Settembru 2009. Ir-reġistrazzjoni online mhux ser tkun possibbli wara 12.00 nofsinhar ħin ta' Brussell.

⁽¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali "Persunal u Amministrazzjonij", Unità Organigramma u Staff Maniġerjali, COM/2009/10205, MO34 5/105, B-1049 Brussell.

REVIŻJONI TAL-ĠU C A “KOMPETIZZJONI”

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

9	(DE/EN/FR)	114
10	(IT)	115 (PL)
12	(DE/FR)	116
13		117
14	(DE/EN/FR)	118 (EL)
16	(DE/EN/FR)	119
17	(BG/ET/LT/LV/MT/RO)	121 (BG/CS/LT/LV/MT/PL/RO/SK)
20		124 (FI)
21	(DE/EN/FR)	130
23		131 (SV)
24	(DE/FR/NL)	132
25	(BG/ET/LT/LV/MT/RO)	133
28	(DE/EN/FR)	134 (DE/EN/FR)
34	(FR)	137
36	(GA/EN)	138 (DE/EN/FR)
37		139
38		142 (EN/FR)
39	(SV)	143 (ET/GA/PL/SL)
41	(DE/EN/FR)	145 (BG/CS/LT/LV/RO/SK)
42	(EN)	149 (EN)
45		150
46	(DE/EN/FR)	155 (BG/RO)
47		160 (BG/CS/LT/LV/MT/PL/RO/SK)
52	(DA/FI/MT)	165
58	(DE/EN/FR)	170 (BG/CS/LT/LV/MT/PL/RO/SK)
59	(DE/EN/ES/FR/PT/SV)	
62	(BG/CS/LT/LV/MT/PL/RO/SK)	
63		
70		
71		
75	(DE/EN/FR)	
80	(FR)	
84	(BG/RO)	
86		
91		
93	(BG/RO)	
94		
95		
97	(DE/EN/FR)	
98		
99	(GA/EN)	
103		
104	(CS/PL)	
105		
106		
107	(DE/EN/FR)	
109	(ET)	

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jipubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>